EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# Id-drittijiet tal-Persuni Lesbjani, Omosesswali, Bisesswali u Transgender fl-Unjoni Ewropea

L-Artikolu 21 li jaqa' taħt il-Kapitolu "Ugwaljanza" tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali.

## Kuntest tal-politika

L-iżviluppi matul l-aħħar snin iservu bħala xhieda tal-kuxjenza dejjem tikber tad-drittijiet tal-persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali u transgender (LGBT) fl-Unjoni Ewropea. It-Trattat ta' Lisbona, bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li torbot legalment, isaħħaħ il-qafas tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Issa huwa meħtieġ li l-UE tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż dik ibbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, fil-linji politiċi u l-attivitajiet kollha tagħha.

Fuq livell internazzjonali, kien riaffermat bis-sħiħ kunsens fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi, bl-adozzjoni ta' żewġ rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjoni mill-Kumitat tal-Ministri u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

F'dan l-isfond, fl-2009, il-Parlament Ewropew talab lill-FRA biex teżamina s-sitwazzjoni tal-persuni LGBT, wara l-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni restrittiva fuq id-drittijiet tagħhom f'ċerti Stati Membri tal-UE.

## Sejbiet ewlenin

Ir-rapport tal-FRA dwar l-*Omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi (Homophobia, transphobia and discrimination on grounds of sexual orientation and gender identity)* jiżvela tliet problemi bażiċi li jiffaċċjaw il-persuni LGBT fl-Unjoni Ewropea: li huma sfurzati jgħixu fis-silenzju u bla ma jidhru, li jsofru attakki vjolenti, u li ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, pereżempju fuq ix-xogħol, meta jiġu biex jixtru jew jikru xi mkien jew meta jivvjaġġaw madwar l-Unjoni Ewropea.

### Żviluppi mħallta

Fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBT, l-iżviluppi leġiżlattivi jvarjaw bejn l-Istati Membri tal-UE. Ir-riċerka tal-FRA identifikat sitt kwistjonijiet ewlenin (interkonnessi) fejn jistgħu jiġu identifikati xejriet kemm pożittivi kif ukoll negattivi:

- **Il-libertà li jiltaqgħu u jesprimu ruħhom**
Sfidi għall-avvenimenti tal-Pride Parades tal-LGBT jew protesti aggressivi kontra d-dimostranti, kif ukoll titjib fil-protezzjoni tad-dimostranti; il-projbizzjoni tat-tqassim ta' informazzjoni dwar relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess lil persuni minuri.

- **Diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda**
Protezzjoni limitata kontra atti ta' intolleranza u vjolenza lejn persuni LGBT, u numru żgħir biss ta' Stati Membri li qegħdin jespandu l-użu tal-liġi kriminali biex jeħduha kontra inċidenti bħal dawn.

- **It-trattament mhux ugwali u d-diskriminazzjoni**
Il-protezzjoni għall-persuni transgender tibqa' mhux ċara minkejja l-każistika tal-UE; madankollu, numru sostanzjali ta' korpi ta' ugwaljanza jkopru l-orjentazzjoni sesswali fl-impjiegi u 'lil hinn minnhom.

- **Il-moviment liberu u r-riunifikazzjoni tal-familja**
Il-prinċipju tat-trattament ugwali f'dan il-kuntest huwa applikat b'mod mhux ugwali: xi Stati Membri tal-UE jirrestrinġu jew jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' relazzjonijiet u żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess li jiġu konklużi fi Stat Membru ieħor, filwaqt li hemm oħrajn li qegħdin ikomplu jespandu l-leġiżlazzjoni tagħhom f'dan il-qasam.

- **Protezzjoni internazzjonali tal-persuni LGBT li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil**
Ħafna Stati Membri qegħdin ikomplu jqisu lil dawk il-persuni li jfittxu l-ażil sabiex jingħataw protezzjoni minn persekuzzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tas-sessi tagħhom bħala li mhumiex intitolati għal dan l-ażil jekk jistgħu jgħixu f'pajjiżhom mingħajr ma jikxfu l-orjentazzjoni u l-identità tagħhom.

- **Assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess**
Diffikultajiet biex jieħdu kura, biex jiksbu rikonoxximent legali u trattament ugwali f'ħafna oqsma tal-ħajja soċjali, għalkemm xi Stati Membri tal-UE tejbu din is-sitwazzjoni.

### Bażi irregolari

Dawn l-iżviluppi mħallta juru li l-progress qiegħed iseħħ b'pass differenti u irregolari madwar l-Unjoni Ewropea kollha: għadhom jeżistu differenzi kbar madwar l-Istati Membri tal-UE. L-ostakoli jistgħu jiġu attribwiti primarjament għall-intolleranza persistenti u l-attitudnijiet negattivi lejn il-persuni LGBT.

### Il-leġiżlazzjoni u l-aċċettazzjoni pubblika jimxu id f'id

Ix-xejriet instabbli madwar l-UE jistgħu jirriflettu jew jirrinforzaw attitudnijiet negattivi lejn il-persuni LGBT u l-isterjotipi. Id-drittijiet indaqs fil-leġiżlazzjoni huma essenzjali u qegħdin jiġu affermati f'ċerti oqsma. Madankollu, l-għarfien u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku diffiċli jiġu indirizzati biss permezz ta' mezzi legali, iżda jeħtieġu djalogu u impenn bejn il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili sabiex titqajjem kuxjenza akbar dwar id-drittijiet tal-LGBT.

L-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (FRA)
Schwarzenbergplatz 11 ▪ 1040 Vjenna ▪ Awstrija ▪ tel +43 1 580 30 60 ▪ fax +43 1 580 30 699
fra.europa.eu ▪ info@fra.europa.eu ▪ facebook.com/fundamentalrights ▪ twitter.com/EURightsAgency

**Inizjattivi proattivi**

**Xi gvernijiet nazzjonali qegħdin jadottaw pjanijiet komprensivi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBT. Pereżempju:**

**L-Olanda adottat Dokument Politiku komprensiv tal-LGBT bit-titlu ta' "Simply Gay" għall-perjodu 2008-2011. Dan jikkostitwixxi pjan ta' azzjoni nazzjonali li jikkomprendi 60 miżura differenti, inkluż 24 proġett sponsorjati minn diversi dipartimenti tal-gvern bil-għan li jtejbu l-aċċettazzjoni soċjali u l-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini LGBT.**

**Fl-Isvezja, aġenzija tal-gvern tgħin fil-"ġlieda kontra l-istituzzjonalizzazzjoni tal-eterosesswalità fis-soċjetà" bir-responsabbiltà li tippromwovi d-demokrazija, it-tolleranza u d-drittijiet tal-bniedem.**

**Ir-Renju Unit issa jinkludi programm ta' ħidma biex "jindirizza preġudizzji antiki u jiżgura ċansijiet indaqs għal kulħadd, tkun xi tkun l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tas-sessi tagħhom" fil-"Programm għall-gvern" tiegħu.**

**Numru ta' Stati Membri tal-UE – l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, Spanja u r-Renju Unit – ħadu azzjoni sabiex irawmu l-edukazzjoni u d-djalogu, speċjalment fl-iskejjel u l-istabbilimenti edukattivi, bil-għan li jikkontestaw l-attitudnijiet negattivi lejn l-omosesswalità u l-persuni LGBT.**

F'dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tas-sessi tipprovdi gwida utli lill-Istati Membri sabiex itejbu r-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBT. L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni sejra tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċ aktar komuni għall-issodisfar ta' dawn id-drittijiet.

## Pariri bbażati fuq l-evidenza

Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-analiżi komparattiva tal-FRA, l-evoluzzjonijiet pożittivi sostnuti fil-protezzjoni minn diskriminazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi jistgħu jiġu żviluppati permezz ta' azzjoni proattiva u koordinata, bħal:

- it-tisħiħ u l-irfinar tal-iżviluppi pożittivi fl-oqsma politiċi prinċipali kollha;
- il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u l-assistenza lill-Istati Membri tal-UE sabiex itejbu l-progress lejn l-issodisfar tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBT;
- it-trawwim ta' inizjattivi mas-soċjetà ċivili sabiex jinkisbu għarfien, aċċettazzjoni u rispett akbar tal-esperjenzi tal-LGBT.

L-Opinjonijiet tal-FRA jenfasizzaw, b'mod aktar speċifiku, dawn li ġejjin:

- l-appoġġ tal-isforzi għal "direttiva orizzontali" li tipprovdi protezzjoni ugwali minn diskriminazzjoni fuq il-bażijiet kollha, inkluż l-orjentazzjoni sesswali;
- l-evitar tal-użu ta' eċċezzjonijiet ta' "ordni pubblika" li jimponu restrizzjonijiet bla bżonn fuq l-avvenimenti relatati mal-LGBT u manifestazzjonijiet oħrajn ta' identitajiet jew relazzjonijiet tal-LGBT;
- li jiġi żgurat id-dritt li tingħata informazzjoni imparzjali dwar il-persuni LGBT u r-relazzjonijiet tagħhom, u li dawn jgħixu f'ambjent miftuħ u inkluživ, dritt li huwa importanti b'mod speċjali għal tfal LGBT;
- li jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni kontra l-inċidenti omofobiċi u transfobiċi bħal dik mogħtija għad-diskors u r-reati ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu jew il-ksenofobija;
- li tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-protezzjoni legali eżistenti għall-persuni transgender stabbilita fil-liġi tal-UE u l-inklużjoni espliċita tal-"identità tas-sessi";
- l-inklużjoni ta' msieħba tal-istess sess, kemm jekk miżżewġa, irreġistrati jew f'unjoni *de facto*, fi ħdan id-definizzjonijiet ta' "membru familjari" fil-kuntest tal-moviment liberu u r-riunifikazzjoni tal-familja;
- ir-rikonoxximent tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi bħala raġuni għall-persekuzzjoni u t-titjib tal-għarfien u l-ipproċessar xieraq tat-talbiet għall-ażil, speċjalment l-evitar tal-użu ta' valutazzjonijiet degradanti u intruživi tal-kredibilità tat-talbiet fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi;
- il-fehim tal-identità tas-sessi bħala element tal-ħajja privata u l-awto-determinazzjoni minflok bħala diżordni psikjatrika, b'mod partikolari fir-rigward tar-rettifika tas-sess irreġistrat jew it-tibdil tal-isem fuq dokumenti uffiċjali;
- il-promozzjoni ta' opinjoni pubblika aktar bilanċjata fuq kwistjonijiet relatati mal-LGBT billi jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn il-gruppi LGBT, il-mezzi tal-midja, ir-rappreżentanti politiċi u l-istituzzjonijiet reliġjużi, pereżempju permezz ta' approċċ u sħubiji bejn ħafna aġenziji.

## Aktar informazzjoni:

L-analiżi legali komparattiva tal-FRA *L-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi – Aġġornament tal-2010* hija disponibbli fuq: **fra.europa.eu/fraWebsite/research/publications/publications_en.htm**

Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-FRA fil-qasam tad-drittijiet tal-persuni LGBT hija disponibbli fuq il-websajt tal-FRA: **fra.europa.eu/fraWebsite/lgbt-rights/lgbt-rights_en.htm**

© L-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, 2011